**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Sindku
Xandru Mallia – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Jurgen Abela - Kunsillier
Fiona Borg Lewis - Kunsillier
Marvin Zammit - Kunsillier
Elke Cassar Sghendo - Kunsillier
Doris Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Nicholai Falzon - Kunsillier
Alessio Decarlo - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**18.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**18.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillieri Nicholai Falzon u Alessio Decarlo ma setgħux jattendu għas-seduta minħabba impenji ta' safar.

**18.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 17**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 17 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**18.4 Emendi fil-minuti**

Ma kienx hemm emendi għal-Minuti Nru 17

**18.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2025.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2025 u l-iskeda tal-Petty Cash ghax-xahar ta' Ġunju 2025.

**18.6 *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS***

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Audited Financial Statements 2024.

Il-Kunsill approva l-Audited Financial Statements u il-membri qablu li tintbagħat kopja tal-Management letter lill-Kumitat tal-Finanzi.

## 18.7 MOZZJONI NRU 15 (IX) - Mozzjoni re Inċentivi għal aktar użu tar-roti

**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Fiona Borg Lewis**

Kif forsi smajtu t-Transport Malta ħarġet inċentivi għal aktar użu tar roti fejn ir-residenti jistgħu jixtru roti b'inċentiv finanzjarju. Għal Kunsilli u Għaqdiet Volontarji, t-Transport Malta qed toffri 100% tal-ispiża biex issiru żoni fejn ir-roti jistgħu jipparkjaw, jsewwu jew xi faċilitajiet oħra għar-roti.

Għal dan il-għan qed inressaq din il-mozzjoni biex inkunu nistgħu naqblu fuq żoni fejn naħsbu li dan ikun ta użu u napplikaw għal din l-iskema.

Dettalji tal-iskema qed jiġu annessi għal aktar informazzjoni.

Transport Malta, in collaboration with the Ministry for Transport, Infrastructure, and Public Works, announces the launch of a new financial incentive for the purchase of bicycles, conversion of bicycles to pedelecs, and installation of bicycle racks, bicycle repair stations and related facilities, in addition to the grant schemes launched earlier in the year.

This incentive serves to encourage the modal shift from cars to bicycles and active mobility, in line with the government's commitment to environmental sustainability.

This new grant consists of the following sub-schemes:

| Sub-Scheme Description | Eligible Applicants | Grant Amount |
|---|---|---|
| One-time grant for the purchase of a bicycle for personal use. | • Natural Persons who have not received a similar grant from the Ministry of Finance in the past years. | 15.25% of selling price, capped at €85 per bicycle |
| Grant for the purchase of up to 50 bicycles to be offered for hire. | • Business Undertakings;<br>• Voluntary Organisations. | |
| Grant for the conversion of bicycles to pedelecs. | • Natural Persons;<br>• Business Undertakings;<br>• Local Councils;<br>• Voluntary Organisations. | €400 per conversion |
| Grant for the installation of bicycle racks, bicycle repair stations and other ancillary facilities available for public use and without charge. | • Local Councils;<br>• Voluntary Organisations. | 100% of capital expenditure incurred. |
| | • Business Undertakings. | 70% of capital expenditure incurred. |

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li dawn isiru fejn hemm bankini wiesgħa sabiex ma jintilifx parkeġġ.

**18.8 Kommunikazzjoni tas-Sindku**

**18.8.1 Sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025 saru l-intervisti lill-tlieta mid-disa' applikanti li kienu interessati għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Ħal Qormi. Is-sitt applikanti l-oħra infurmaw lill-Kunsill li ma humiex interessati jattendu għal-intervista.

Minn dawn it-tliet applikanti, il-Bord kompost mis-Sindku Dr Josef Masini Vento u il-Kunsilliera Ralph Puli u Fiona Borg Lewis qed jirrakkomandaw li is-Sur Robert Mizzi sabiex jieħu il-post ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

Il-membri kollha preżenti qablu li jinħatar is-Sur Robert Mizzi.

Is-Sindku qed jitlob lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'din id-deċiżjoni.

**18.8.2 Vakanza għal-Ħaddiem Manwali (Handyman) / Xufier fuq bażi full-time fi Skala 18**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2025 saru l-intervisti lill-zewg applikanti li applikaw sabiex jimlew il-Vakanza għal-Ħaddiem Manwali (Handyman) / Xufier fuq bażi full-time fi Skala 18.

Is-Sindku informa li il-bord biex jagħmel l-intervisti magħmul minnu is-Sindku u mill-Kunsilliera Ralph Puli u Fiona Borg Lewis irrakomandaw lis-Sur Josef Cilia sabiex jimla din il-vakanza.

Il-membri kollha preżenti qablu li is-Sur Josef Cilia jimla din il-pożizzjoni. Dan l-impjieg se jibda fis-seħħ mit-Tnejn 14 ta' Lulju 2025.

**18.8.3 Kawża POG**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li fis-Seduta Nru 17 ġiet imsemmija il-korrispondenza mingħand l-avukat tal-Kunsill rigward pagament fuq il-Kawża tal-POG, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkorispondiet mal-avukat u din infurmat lill-Kunsill kif ġej:

***"Dan l-ammont huwa dovut mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet bħala spejjez inkorsi mill-Kunsill għal din il-kawża. Il-Kunsill m'għandux iħallas xejn, se jkun hemm parti mill-ammont li jitħallas lura direttament lill-Kunsill, u parti huma drittijiet tagħna u tal-PL skont it-taxxa li d-Dipartiment se jħallas direttament lilna."***

**18.8.4 Pjazza San Franġisk fejn il-Madonna tal-Lourdes**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li fis-Seduta Nru 17 ġiet murija il-pjanta proposta għat-tisbit ta' Pjazza San Franġisk fejn il-Madonna ta' Lourdes, il-Perit tal-Kunsill ġie mitlub jirranġa il-pjanta biex idaħħal żewġ parkeġġi oħra fuq in-naħa ta' Triq Santa Katerina.

Il-Pjanta proposta qed tiġi preżentata lill-membri, iżda il-Perit informa illi fuq in-naħa ta' Triq Santa Katerina parkeġġ wieħed jidħol.

Is-Sindku ippropona li jiżdiedu aktar parkeġġi fi Pjazza San Franġisk fejn il-Kappella ta' San Franġisk.

**18.8.5 Imwejjed u Siġġijiet fil-Festa ta' San Bastjan**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** staqsa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fuq il-permessi li jinħargu rigward il-Festa.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat li il-Ġimgħa 11 ta' Lulju is-Soċjetà Filarmonika Pinto qed tirreklama BBQ fi Triq San Bastjan, minkejja li dawn ma bagħtu l-ebda ittra uffiċjali biex jagħlqu it-triq.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi il-permessi tal-imwejjed u siġġijiet kienu se jinħargu skond kif maqbul mas-Soċjetà Filarmonika Pinto, iżda fl-aħħar jiem is-Soċjetà Filarmonika Pinto dawret il-ħsieb u nformat lil Kunsill li huma qed jagħtu permess li il-barman tal-Każin tal-Banda ta' San Bastjan ipoġġi imwejjed u siġġijiet nhar il-Ġimgħa u nhar il-Ħadd fi Triq Santu Rokku u nhar il-Ħamis waqt il-Kunċert.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv saħqet li hi tal-fehma li timxi mal-ewwel email tas-Soċjetà Filarmonika Pinto illi minħabba ir-rassa ma jinħarġux permessi ta' mwejjed u siġġijiet waqt il-marċ tal-Ġimgħa. Dan minħabba is-Saħħa u is-Sigurtà ta' min jattendi il-marċ.

Rigward il-Ħamis, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li lis-Segretarju tal-Każin informatu li dawn jekk jiġu approvati li jinħargu u se jingħataw permess lil bars kollha mhux lil barman tal-Każin biss biex jarma imwejjed u siġġijiet il-Ħamis.

Il-membri ma qablux mal-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv u il-Kunsilliera preżenti ivvotaw kollha sabiex jinħareġ permess għal-imwejjed u siġġijiet fi Triq Santu Rokku.

**18.8.6 Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba mingħand Il-Home Economists in Action Group sabiex jekk il-Kunsill Lokali ikun interessat jorganizza kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar (1) matul l-2026-2027.

Il-Kunsill jista ukoll jindika il-perjodu preferit: Frar s'April, April sa Ġunju jew Settembru sa Diċembru.

Il-membri kollha preżenti qablu li il-Kunsill jorganizza dan il-kors bejn Frar u April.

**18.8.7 Triq il-Għasel bejn Triq is-Sajf u Triq il-Ħarifa issir One Way**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq il-Għasel fejn qed jissuġġerixxi li minħabba ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tat-triq, Triq il-Għasel bejn Triq is-Sajf u Triq il-Ħarifa issir One Way tinżel biss.

Il-membri kollha preżenti ma qablux li il-Kunsill jibgħat lill Transport Malta din il-proposta, u se jżommu din il-proposta on hold.

**18.8.8 Parking Management fi Vjal De La Cruz, Triq il-Vitorja u Triq il-Wied**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Perit tal-Kunsill lesta il-proposti għal-parking management ġdid fi Vjal De La Cruz (viċin l-ispiżerija), fi Triq il-Vitorja (faċċata ta' Triq Antonio Muscat Fenech) u Triq il-Wied (faċċata tal-magna tal-BCRS) li kopji tagħhom ġew mgħoddija għal-attenzjoni tal-membri.

Il-membri kollha preżenti qablu li il-Kunsill jibgħat lill Transport Malta dawn il-proposti.

**18.8.9 Id-Dielja Onlajn**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Doris Zammit ġabret kwotazzjoni għall-Pubblikazzjoni tad-Dielja, verżjoni Onlajn orħos minn dik li il-Kunsill kien qed iħallas.

Is-Sur Joe Cassar qed joffri lill-Kunsill Lokali Hal Qormi li jagħmel ix-xogħol ta' impaġnar f'daqs A4, b'massimu ta' 20 paġna għal-prezz ta' €500 inkluż il-VAT.

Il-membri kollha preżenti qablu li il-Kunsill iqabbad lis-Sur Joe Cassar sabiex jipprepara id-Dielja Onlajn.

**18.8.10 Filmati ta' Intervisti re Dr Gorg Zammit**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Doris Zammit ġabret kwotazzjoni għall-ffilmjar ta' intervisti fuq Dr Gorg Zammit massimu ta' 12 il-siegħa, total ta' €1062 inkluż il-VAT.

Il-membri kollha preżenti qablu li il-Kunsill iqabbad lill Emotive Media sabiex isir dan l-iffilmjar.

**18.8.11 Ħinijiet tal-ġbir ta' skart**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar it-18 ta' Ġunju 2025 il-Kunsill irċieva korrispondenza elettronika mingħand ir-Reġjun Nofsinhar fejn talbu biex sal-20 ta' Ġunju 2025 tingħata risposta fuq il-proposta ta' bdil tal-ħinijiet tal-ġbir ta' skart.

Is-Sindku nforma li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet din il-korrispondenza u infurmat lir-Reġjun li din mhiex deċiżjoni ta' jumejn u se tkun qed tittella' Seduta u tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill kollu.

Kif tafu ġiet imsemmija li l-ġbir jibda issir filgħaxija, u se jibdew isiru xi diskussjonijiet fuq dan il-punt, għaldaqstant ir-Reġjun għandu bżonn informazzjoni minn naħa tal-Kunsill fuq il-punti l-iżjed importanti kif ġej:

***Ħin: liema ħin taħsbu li huwa l-aħjar għal Ħal Qormi. Indikazzjoni l-iżjed tard li jista' jibda jinġabar l-iskart (ikkunsidraw kobor tal-lokalità tagħkom u kemm jista iddum biex issir il-ġabra). Jekk taħsbu li l-aħjar jibqa' l-istess ħin kif inhu bħalissa, infurmawna xorta waħda.***

***Problemi: Problemi oħra varji li jistgħu jiġu affaċjati jew li il-Kunsill jaħseb li jistgħu jinqalgħu.***

Saret diskussjoni bejn il-membri u sar qbil li il-ġbir għandu isir filgħaxija iżda ġie deċiż li tinħareġ poll fil-media soċjali fejn ir-residenti jintalbu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar dan is-suġġett.

**18.8.12 Bullet Proof u Open Space wara il-Monument tal-Gwerra**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ilha għal diversi ġimgħat tigri wara is-Sur Scott Schembri minn Bulletproof biex jagħtina dettalji fejn ġej id-dawl, iżda ma waslux u ilbieraħ 7 ta' Lulju 2025 ikkonferma li il-kumpanija li kienu se jagħtu sponsor irtiraw mill-offerta.

Is-Sindku informa li il-Kunsill jista' jqassam l-area ta' wara il-Monument tal-Gwerra billi jagħmel football pitch żgħir fejn adoloxxenti ikollhom fejn imorru jilgħabu bil-ballun u isir spazju sabiex ikun jista' jiġi prattikat basketball u tennis. Jista' isir spazju fejn isiru logħob bil-ħbula u apparat tal-eżerċizzju fejn adoloxxenti u kbar ikollhom fejn imorru jaħlu l-enerġija. Isiru cctv cameras, landscaping u dawl ġdid.

Is-Sindku saħaq li huwa importanti li dan l-ispazju ikun maħsub għal-addoloxenti u kbar, għaliex għat-tfal il-Kunsill investa fi spazji ta' rikreazzjoni oħra.

**18.8.13 5-a-side Football Pitch fi Triq il-Belt Valletta**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li kif il-Kunsill ikollu eżatt il-qies li irid jiċkien il-5-a-side football pitch fi Triq il-Belt Valletta skond il-kawża tal-Qorti maqtugħa aktar kmieni din is-sena, għandu isir fencing, dawl gdid u konkos fl-art biex dan l-ispazju ikun jista jidgawda minn kullħadd.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiex l-ispejjeż fuq dan il-ground jitħallsu mill-MOU li il-Kunsill Lokali Hal Qormi għandu ma Tuminvest.

Il-membri kollha preżenti qablu ma din il-proposta.

**18.8.14 Spazju riservat quddiem l-appartamenti tal-Gvern fi Vjal De La Cruz**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar l-Erbgħa 2 ta' Lulju fis-6.00 ta' filgħaxija saret laqgħa mar-residenti fi Vjal De La Cruz. Għal din il-laqgħa attenda biss il-Kunsillier Nicholai Falzon u minħabba impenji ta' xogħol sar kuntatt permezz tat-telefon mas-Sindku Dr Josef Masini Vento innifsu. Residenti attendew sitta, li tnejn minnhom joqgħodu fl-istess appartament.

Is-Sindku informa lir-residenti preżenti li sitta min nies ma jistgħux jiddeċiedu għal-tliet blokki bi 8 appartamenti kull wieħed u li hu ġie mitkellem minn residenti oħra fejn joġġezzjonaw li jitneħħa parkeġġ biex issir din il-kaxxa, anke għaliex għandhom aċċess għal-blokk mill-ġenb minħabba li ir-rampa qeda fil-ġenb tal-appartamenti.

Il-Kunsillier Doris Zammit qalet li din l-ittra li intbagħtet lir-residenti kienet immanipulata.

Is-Sindku issuġġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti fejn jiġi spjegat x'qed jiġi mitlub min xi residenti u ir-residenti kollha jagħżlu permezz ta' IVA u LE.

**18.9 Ħwejjeġ Oħra**

**18.9.1** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li l-ewwel parkeġġ fi Triq il-Vitorja mac-centre strip quddiem il-Health Centre isir MC Bays għaliex il-vetturi neżlin mhux qed jaraw il-vetturi ġejjin min Triq Guze Muscat Azzopardi minħabba li ta' spiss qed jipparkja trakk fuq dan il-parkeġġ.

Il-membri kollha preżenti qablu ma din il-proposta.

**18.9.2** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li isiru żewġ parking bays dijagonali fi Triq Dun Ġwakkin Schembri kantuniera ma Triq il-Vitorja, man-naħa tal-confectionery minħabba li xorta qed isir parkeġġ f'din il-kantuniera.

Il-membri kollha preżenti qablu li din il-proposta għandha tintbagħat Transport Malta għall-approvazzjoni.

**18.9.3** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** issuġġerixxa li il-Kunsill jikteb lill-Ambjent Malta sabiex il-hedging li hemm mar-roundabout u centre strip fi Triq il-Mitħna jinqata u jibqa' jinżamm baxx.

**18.9.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sabiex jiġi ikkuntattjat is-Sur Wayne Mizzi Ungaro sabiex dan jippreżenta il-filmat bl-intervisti li ġibed lill nies Qriema.

**18.9.5** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li il-Perit tal-iżviluppatur tal-blokka fi Triq il-Belt Valletta, u cioe Karkanja bagħtu lill-kunsill kopja tal-korrispondenza li huma bagħtu lill-Awtorita' tal-Ippjanar bl-ispjega tal-applikazzjoni tagħhom.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv iċċekkjat dak il-ħin stess u sabet li din il-korrispondenza intbagħtet permezz ta' email fit-3.15 ta' wara nofsinhar, anqas minn tliet siegħat qabel is-Seduta meta il-Kunsill kien diġà magħluq.

Is-Sindku informa li dawn l-affarijiet għandhom jiġu diskussi mal-membri kollha mhux ma Kunsillier partikolari.

Il-Kunsillier Cassar Sghendo spjegat li l-iżviluppatur ikkuntattja lilha minħabba li kienet qeda online waqt li instema il-każ quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u is-Sindku ikkonfermaw li minkejja li huma ukoll kienu online, ħadd ma kkuntattjahom personalment.

Is-Sindku qara din il-korrispondenza:

*For the attention of Qormi Local Council*

*Please find attached an explanation of the proposal being made to PA through PC application PC 57/22.*

*Whilst thanking you for your attention and kind consideration, we remain open and available for any clarifications needed or suggestions by the Qormi Local Council.*

***Gordon Vella***
*Architect & Civil Engineer*

**Re: PC 57/22**

I refer to PC 57/22 which i have submitted on behalf of Mr Euchar Vella. I would like to draw your attention to a number of benefits to the Qormi residents and other stakeholders in the area, which would result from the implementation of the proposed PC application. I will be referring to the proposal below which will be submitted to PA to replace the current proposal at 105b in Eapps, This proposal is being made in response to feedback from the PA Executive Council in its meeting of 17th June 2025.




*Above: Updated proposal to be submitted in response to feedback from the PA Executive Council in its meeting of 17th June 2025.*

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li waqt l-Online Planning Meeting il-membri tal-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar issuġġerew li din iż-żona tibqa żona industrijali.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li il-Kunsill għandu jissuġġerixxi li iż-żona tiġi għall-uffiċini u residenzjali biss.

**18.9.6** **Il-Kunsillier Jurgen Abela** semma li il-mużew dalwaqt jerġa jibda u għadha ma ġietx meħuda deċiżjoni fuq it-tabelli ta' fejn il-mużew fi Triq Santa Katerina.

**18.9.7** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat li se toħroġ edizzjoni oħra tad-Dielja bl-informazzjoni ta' x'sar fix-xhur li għaddew u talbet lill-membri jgħaddulha informazzjoni fuq l-attivitajiet pjanata fix-xhur li ġejjin.

**18.9.8** **Il-Vici Sindku Xandru Mallia** talab sabiex fi Triq Belliċ jitwaħħlu tabelli biex vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe il-barra.

**18.9.9** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** talab sabiex issir U-bar quddiem nru 50 fi Triq Belliċ.

**18.9.10** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat illi l-Indis se jibdew ix-xogħlijiet fi Pjazza Federico Maempel.

**18.9.11** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li il-Kunsill se jibbenifika mis-somma ta' 20 elf euro sabiex jorganizza Festa Ħobż taħt l-iskema Attivitajiet Kulturali 2025-2026.

**18.10** **Riżoluzzjoni Nru 11 (IX) - SPI/SCI/07/2025 -Finanzjament – Komunitajiet aktar B'saħħithom u Ta' Kwalità**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qegħda tagħmel referenza għal-iskema SPI/SCI/07/2025 - Finanzjament – Komunitajiet aktar B'saħħithom u Ta' Kwalità u qed tipproponi li tapplika għal wieħed minn dawn il-proġetti:

- Ġnien fi Triq ta' Farżina, inkluż Dog Park.
- Trinka għal-dawl ġdid bejn Pjazza Federico Maempel u il-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ.
- Walking Trail f'Wied is-Sewda.

Din l-iskema hija sabiex il-Kunsill jibbenifika minn fondi ta' €100,000.

**Il-Kunsiller Fiona Borg Lewis qed t**ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 11 (IX)

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ssekondat.

Ivvutaw favur il-kunsilliera kollha preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 11 (IX) ġiet approvata.

**18.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Awwissu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***5 ta' Awwissu 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |